

It-Tlieta u Għoxrin Ħadd tas-Sena

# Aħbar Tajba

Għerf 9, 13-19
Salm 89 (90), 3-4.5-6.12-13.14 u 17
Filem 9b-10.12-17
Lq 14, 25-33

"Għax min minnkom ikun irid jibni torri u ma joqgħodx bilqiegħda biex l-ewwel nett **iqis in-nefqa ħalli jara għandux biżżejjed biex iwassal sal-aħħar?"**

Kieku kelli nistaqsikom jekk tixtiqux titgħallmu ddoqqu l-pjanu, xi twieġbu? Imma stennew ftit qabel twieġbu. Tgħaġġlux! Jekk se twieġbu 'iva', l-ewwel ejjew naraw xi jfisser, jew aħjar x'jitlob minnkom, biex naraw kemm lesti li nagħmlu l-almu kollu tagħna.

L-ewwel nett irridu nixtru pjanu, mhux hekk? Ma tistax titgħallem il-pjanu jekk pjanu fuqiex tipprova ma jkollokx! Kumbinazzjoni m'ilnix ma rajt avviż li xi ħadd ried ibigħ il-pjanu tiegħu għal €800. L-avviż kien jgħid li kellu bżonn xi tiswijiet żgħar. Probabbilment mhux xi wieħed tajjeb ħafna, imma għandna bidu.

Imbagħad irridu min jgħallimna. Ma nistgħux ngħallmu lilna nfusna! Mhux jekk trid titgħallem sew. Fuq l-istess gazzetta kien hemm reklam ċkejken ta' għalliem tal-pjanu. Kull lezzjoni tiġi qisu €20 jiġifieri €80 kull xahar. X'taħseb? Għadek tixtieq titgħallem il-pjanu? X'hemm bżonn aktar? Eh, iva! Irridu nixtru xi kotba tal-mużika wkoll. Dawra ħafifa fuq l-internet sibt li dawn jiswew bejn €10 u €20 kull wieħed.

Issa li għandek pjanu, għalliem u xi biċċiet tal-mużika xi ddoqq probabbilment dan ifisser li tassew tixtieq titgħallem iddoqq. Il-biċċa l-kbira tal-għalliema jistennew li tal-inqas tipprattika siegħa kuljum. Dan ifisser li se jkun hemm drabi meta sħabek qed jilagħbu imma int trid tibqa' d-dar biex tipprattika. U bil-ħaqq, jista' jkun li meta jarawk għaddej bil-kotba f'idejk, x'uħud mit-tfal l-oħra se jippruvaw jgħadduk biż-żmien. Xorta għadek konvint li trid titgħallem il-pjanu?

Jekk għadek qed twieġeb iva, prosit tassew! Dan ifisser li lest li tistinka biex jirnexxilek tagħmel dak li tixtieq u mhux se taqta' qalbek f'nofs triq.

Fl-Evanġelju tal-lum Ġesù qed jgħidilna l-istess ħaġa. Kultant faċli ngħidu li rridu nkunu Nsara tajbin imma mbagħad nippreferu nkunu bħall-oħrajn milli nagħmlu dak li Nisrani tajjeb jagħmel. Naqtgħu qalbna jekk xi ħadd minn sħabna jgħaddi xi kumment jew inkella nippreferu nkomplu niġru bir-rota milli mmorru l-MUSEUM. Inlaħħqu ma' kull logħba li toħroġ imma qajla nsibu ħin biex ngħinu lill-ġenituri tagħna.

Għalkemm jinstema' iebes, Ġesù qed ifakkarna li ma nistgħux inlaħħqu ma' kollox. Kultant irridu nitilqu xi affarijiet sbieħ għal affarijiet aktar importanti.


dixxipli

**Sib il-Kelma**

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib xi ismijiet tad-dixxipli ta' Ġesù.
Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.
PIETRU, INDRÌ, ĠAKBU, ĠWANNI, FILIPPU, BARTILMEW, MATTEW, TUMAS, XMUN, ĠUDA

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| I | F | I | L | I | P | P | U | D | I |
| GĦ | E | L | I | Ġ | A | K | B | U | N |
| D | R | I | S | W | GĦ | L | A | O | N |
| B | T | U | M | A | S | A | R | N | A |
| E | R | D | I | N | M | F | T | K | V |
| R | A | B | N | N | U | E | I | A | O |
| N | A | A | D | I | S | K | L | Ġ | I |
| P | IE | T | R | U | T | X | M | U | N |
| M | O | I | Ì | L | A | F | E | D | IE |
| A | N | M | A | T | T | E | W | A | Ċ |



## Il-Festa tal-Vitorja

F'dawn ix-xhur tas-Sajf jispikkaw il-ħafna festi li niċċelebraw lil Ommna Marija. Il-Madonna tal-Ġilju, ta' Lourdes, tal-Karmnu, taċ-Ċintura, tar-Rużarju, tad-Duttrina, Santa Marija, il-Kunċizzjoni, u l-aħħar imma mhux l-inqas Marija Bambina. Din turi kemm Ommna Marija dejjem kienet f'qalb il-Maltin. Mhux hekk biss, Marija kienet dejjem dik li missirijietna kienu jirrikorru lejha fil-mument tal-bżonn u b'hekk din l-imħabba speċjali mmarkat l-istorja ta' pajjiżna. Fost il-ħafna ġrajjiet insibu dik marbuta mal-festa ta' Marija Bambina li wasslet għal tmiem l-Assedju l-Kbir. Dan kien wieħed mill-aktar assedji mdemmija fl-istorja u l-ikbar wieħed f'Malta. L-Imperu Ottoman ried jirbaħ lil Malta minn taħt idejn il-Kavallieri ta' San Ġwann, imma dawn tal-aħħar, taħt it-tmexxija ta' La Valette organizzaw id-difiża tal-pajjiż. Magħqudin flimkien, il-kavallieri u l-poplu Malti ħadmu bla waqfien. Min jipprepara l-armamenti, min jieħu ħsieb il-midrubin, min jiġġieled u ħafna jitolbu għal dawk li qegħdin fuq il-kamp tal-battalja. U bħala sinjal tal-fidi kbira tal-poplu, r-rebħa tant mistennija ġiet fil-festa tat-twelid ta' Marija, li minn dakinhar baqgħet tissejjaħ il-Vitorja, għar-rebħa kbira li għamlet Malta.








Promozzjoni

**Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT!

www.sayitmalta.com

32, Tarxien rd Paola

media**centre**

design • video production • animation • publishing • web


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**




AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

media**centre**

YOUTHEME FOUNDATION